MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Numru 1/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Tristan Falzon**

Il-Qorti,

Rat in-nota ta' l-Ufficcjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tal-15 ta' Settembru, 2011 li biha ddenunzja lill-imsemmi Tristan Falzon talli huwa ma osservax il-kundizzjonijiet tal-Probation kif ukoll ordni ta' servizz fil-komunita skont Sentenza moghtija mill-Appell ta' Qorti Kriminali Inferjuri fit-30 ta' Marzu, 2011.

F'din in-nota l-Probation Officer ilmenta illi d-denunzjant ma kienx qed izomm regolarment l-appuntamenti illi huwa kelli mal-Community Worker tieghu Ashley Cumbo. Barra min hekk huwa gie sospiz mill-Agenzija Sedqa wara illi huwa kien irrizulta pozittiv ghat-tehid ta' alcohol. Terga, d-denunzjant ghamel kuntatt mac-Centru tad-Detox u beda jiehu l-methadone peress illi rega' abbuza mill-eroina.

Irrizulta ghalhekk illi kien hemm relapse fuq id-droga eroina, d-denunzjant ma marx l-outrage fi hdan is-Sedqa biex jiehu l-kura necessarja u li qarraq bl-Ufficcjal tal-Probation meta nnega illi huwa kien qed jiehu il-methadone minhabba l-uzu ta’ l-eroina minkejja li gie mistoqsi direttament dwar dan.

Il-Qorti appuntat is-smieh ta’ din in-nota u waqt dan is-smieh xehdu l-istess Probation Officer Matthew Fleri Soler fejn dana qal li ghall-ewwel id-denunzjant kien sejjer tajjeb pero’ hareg positive ghall-alcohol u ma bediex izomm l-appuntament mal-Community Worker tieghu Ashley Cumbo. Barra min hekk irrizulta pozittiv ghall-methadone u deher nuqqas ta’ stabbilita f’hajtu. Ghall-ewwel kien impjegat mal-familja tieghu jqassam il-hobz, pero’ biddel ix-xoghol tieghu u ma baqax jikkomunika mal-Community Worker tieghu ghas-servizz tal-komunita’ li kien qed jaghmel.

Xehdet ukoll f’dan ir-rikors Vicky Scicluna li tat spjegazzjoni ghal kollox differenti mix-xhieda ta’ qabel. Veru illi f’Gunju 2011 ikkonfermat illi d-denunzjant kellu relapse fuq l-alcohol u anke ha xi droga. Kellu kuntatt sparodiku mal-Community Worker tieghu pero’ fl-istess zmien id-denunzjant gie nfaccat minn kwistjoni illi ma kienx emozzjonalment b’sahtu biz-zejjed sabiex jinfaccjha. It-tfajla tieghu harget tqila u abbortiet u ma kienx cert jekk dana kienx xi miscarriage jew inkella abortion, u din is-sitwazzjoni hawdet lid-denunzjant li ma riedx jitlef it-tarbija tieghu. Qabel din il-kwistjoni tista tghid illi d-denunzjant kien a success story u kien fir-recovery phase meta nqalghet il-kwistjoni tat-tarbija. Qalet illi emozzjonalment id-denunzjant ghadu dghajjef u ghandu bzonn hafna ghajnuna ghax din il-kwistjoni kissritu. Fortunatament ghandu s-sapport tal-familja tieghu specjalment minn ommu u missieru illi qeghdin il-hin kollu warajh u jaraw li jista’ jissupera din il-fazi emozzjonali b’success.

Ikkunsidrat.

Filwaqt illi l-Qorti tikkundanna l-agir tad-denunzjant sa fejn dan l-agir wassal biex huwa ma jikkomunikax mal-Probation Officer u Community Workers tieghu, thoss illi r-raguni ghal dan in-nuqqas illi jista jigi mfittex fil-kwistjoni emozzjonali illi d-denunzjant sofra propju dak iz-zmien illi ma bediex jikkopera ma l-Ufficjali tieghu. Il-kwistjoni tat-telf tat-tarbija kienet forsi r-raguni principali ‘l ghala d-denunzjant ma baqax jikkopera peress illi ovvjament f’dak l-istadju delikat ta’ hajtu propju fir-“re entry phase” wara illi huwa ghamel ir-riabilitazzjoni kif ipprogrammat kellha tinqala’ din il-kwistjoni illi emozzjonalment kissritu ghax ma kienx kapaci jvinciha.

Il-Qorti thoss illi forsi huwa l-kaz illi d-denunzjant jinghata opportunita ohra sabiex bl-ghajnuna ta’ l-Ufficjali tal-Probation, Community Workers u l-genituri tieghu jvinci din il-problema u jista jkompli b’din l-istorja ta’ success illi huwa beda. Ma hemmx dubbju pero’ illi d-denunzjant irid jaghmel il-parti tieghu u hawn hekk il-Qorti theggeg lill-istess denunzjant sabiex jifhem ir-responsabilta li ghandu f’dan l-isforz illi kullhadd qieghed jaghmel biex jiddiregieh fit-triq it-tajba. Minkejja l-isorzi ta’ kullhadd, jekk id-denunzjant jibqa ma jikkoperax kollox ikun ghalxejn u ma jkunx hemm ghazla ohra hlief illi din il-Qorti jkollha timponi l-piena ta’ habs illi originaljament kien suggett ghaliha l-istess denunzjant. Ordni ta’ Probation ma tinghatax b’kapricc izjda ‘l ghaliex il-Qorti tkun rat xaqq ta’ dawl jew ta’ tama fil-persuna kkoncernata illi jkun ahjar illi dan id-dawl jigi sfruttat milli jintbaghat fid-dlam tal-habs. Dan huwa propju illi din il-Qroti trid taghmel illi tipprovdi opportunita ohra lid-denunzjant sabiex jerga jirkupra mid-diffikultajiet li ghandu, jinfacca l-hajja kif inhi u jintegra ruhu fis-socjeta.

Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi illi ghandha ggedded dik l-ordni ta’ Probation originarjament moghtiha bid-decizjoni tat-30 ta’ Marzu, 2011 ghall-istess terminu originarjament moghti u tawgura illi din id-darba d-denunzjant joqghod ghall-ordnijiet ta’ l-Ufficjal tal-Probation kif ukoll tal-Community Workers u l-genituri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------